MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Numru. 59/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**ANTHONY VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ANTHONY VELLA** ta' tlieta w erbghin sena, bin Emanuel u Dolores nee Portelli, imwieled r-Rabat, Ghawdex, nhar l-ghoxrin ta' Frar 1965 u residenti 7, Triq r-Rabat, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9165G gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Ghawdex, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, qabel s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2001, bhala sid il-fond li jgib l-isem 'Sunshine Bar', sitwat fi Triq r-Rabat, Xlendi, Ghawdex, u bhala l-persuna

responsabbli mis-servizz tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu l-uzu jew l-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta fl-ammont ta' elf u wiehed w erbghin lira maltin u erbgha w tmenin centezmu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Talli ghamel hsara fuq proprjeta tal-Korporazzjoni EneMalta ghad-dannu tal-istess Korporazzjoni liema hsara tammonta ghal lira maltija.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra t'esperti jew periti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti, fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar s-sitta ta' Gunju 2002 (fol. 8 et seq), u l-artikoli minghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 (fol. 90) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tletin ta' Settembru 2004 (fol. 94).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2003, **xehed Silvio Decelis** [fol. 52] fejn esibixxa rapport tal-ispezzjoni li saret

minn nies tal-Korporazzjoni EneMalta, r-*record of consumption* (fol. 53 et seq). Spjega li jekk wiehed ihares lejn in-naha ta’ fuq tal-kont imsemmi, hu ried imur lura sas-sena 1997 sabiex isib d-*drop*. Qal li dan kien jaqra medja ta’ mitt *unit*, sittin *unit*, sittin *unit*, imbaghad kien hemm *drop* wara u cioe nizel ghal sbatax. Spjega li ghalihom hemmhekk kien beda t-telf tal-kurrent elettriku. Zied jghid li hu hadem mit-tnax ta’ Mejju 1997 sas-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2001 u cioe l-gurnata tal-ispezzjoni bil-medja ta’ sittin unit ghal kull gurnata, kif kienet qabel is-sena 1997 u minnu naqqas dak li hallas u baqa l-bilanc dovut.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Frar 2003 **xehdet WPS 160 Josephine Camilleri** [fol. 56] fejn qalet li nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2001, ghal habta tal-ghaxra ta’ filghodu, kienu marru Mario Pavia, Nazzareno Azzopardi u Raymond Camilleri jaghmlu rapport li waqt spezzjoni fil-hanut ‘Sunshine Bar & Restaurant’, x-Xlendi, kienu ndunaw li l-*meter* tad-dawl kien gie mbaghbas. Qalet li l-*meter* kien tal-marka Krizik 20/80 amps u dak l-hin kien jaqra 288782 u s-sigill il-blu kien deher li kien gie mbaghbas. Qalet li minn investigazzjoni li ghamlet, irrizulta li l-hanut ‘Sunshine Bar & Restaurant’, x-Xlendi, kien jghajjat u registrat fuq Josephine Mercieca detentrici tal-karta tal-identita numru 16459G li toqghod ‘St. Mary’, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Ghawdex u li dan il-fond kien immexxi minn Anthony Vella detentur tal-karta tal-identita numru 9165G li joqghod 32, Triq Pompei, Rabat. Ziedet tghid li wara nofsinhar saret l-inkjesta u ghaliha kien attenda PS 567 Bajada.

In kontr’ezami, mistoqsija l-licenzja tal-hanut kienetx fuq Josephine Mercieca, x-xhud wiegbet li hekk hu ghax fil-fatt hekk hemm imnizzel fl-okkorrenza taghha pero meta marret hi, l-imputat kien hemm u qal li kien imexxi l-bar hu. Qalet li lil Josephine Mercieca hi ma kienetx kellmitha.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Frar 2003, **xehed Dottor Kevin Mompalao** [fol. 59] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti tal-inkjesta. In kontr’ezami, mistoqsi

min kien ir-*registered holder* tal-*meter* in kwistjoni, ix-xhud wiegeb li hu registrat fuq missier l-imputat li kien ilu xi hamsa w ghoxrin sena mejjet. Qal li barra minn hekk, anke n-negozju kien jghajjat lil Josephine Mercieca, li tigi oht l-imputat pero lilu kien irrizultalu li kien l-imputat li kien qed jiggestixxi l-bar, peress li l-imputat kien ammetta mieghu meta hu kien ha d-deposizzjoni tieghu fejn *ex admissis* kien qal li 'l-bar ilu f'idejja ghal mill-inqas dawn l-ahhar tnax il-sena, niggestih jien.'

Qal li fuq il-*meter*, l-imputat kien qallu li ma kien jaf xejn dwaru u li ma kellu ebda idea, anzi kien ilmenta li l-kontijiet kienu qed jiguh gholjin. Qal li meta kien qed jixhed quddiemu l-imputat kien cahad kompletament u deher inkweteta hafna b'dak li kien sehh. Ikkonferma li l-imputat ma kienx r-*registered consumer*.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2003, **xehed Mario Pavia** [fol. 61] fejn qal li huma kellhom rapport ta' *meter* li kien mahruq w ghalhekk marru jbiddluh u meta marru sabu li kellu bidu ta' hruq. Spjega li l-*meter* in kwistjoni kellu l-bazi tieghu fejn jidhlu l-*wires*, mahlul w is-sigill il-blu li jissigilla din il-parti kienet imbaghbsa, ma kienx kif suppost u kien jidher wkoll li s-*shunt* ma kienx f'postu. Qal li s-sigill ma kienx issigillat. Qal li l-*meter* kien imbaghbas fis-sens li ma baqax fil-mod kif kien hallih l-*fitter* li wahhlu. Qal li l-*meter* kellu bicca hadida zghira li hija s-*shunt*, li ma kienetx f'postha w il-*meter* ghalhekk ma jimmarkax. Qal li s-*shunt* ma kienx f'postu u dan ikun protett bil-*base cover* li jkun issigillat bis-sigill l-blu normalment.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2003, **xehed Nazzareno Azzopardi** [fol. 65] fejn wara li giet moqrija lilu d-deposizzjoni li hu taha quddiem l-perit legali fl-inkjesta, ikkonfermaha fl-intier taghha bil-gurament. Mistoqsi jghid biex inharaq l-*meter*, wiegeb li ma setghax jghid u li huma marru jbiddlu l-*meter* u raw l-*cover* imdahhan u ma messew xejn aktar. Mistoqsi x'kellu mhux normali l-*meter*, wiegeb li kien bix-*shunt* imdendel meta suppost li jkun imdahhal taħt il-vit imma kien mahruq u waqa 'l isfel u sahan l-*meter*. Mistoqsi jekk s-*shunt* nizilx ghaliex kien

mahruq jew inkellha ghal gie mbaghbas, wiegeb li hu ma kienx f’posizzjoni jghid.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Frar 2003, **xehed Raymond Camilleri** [fol. 67] fejn wara li giet moqrija lilu d-deposizzjoni li hu taha quddiem l-perit legali fl-inkjesta, ikkonfermaha fl-intier taghha bil-gurament. Zied jghid pero li hu ra s-sigill miftuh meta fil-fatt ma kellux ghalfejn ikun hekk. Qal li ghalhekk hu ma mess xejn peress li kien jidher minn barra w ghalhekk ma kellux ghalfejn jiftah xejn. Mistoqsi jispjega setghax kien l-kaz li l-*base cover* kien mahlul peress li kien mahruq, wiegeb li bis-shana peress li tal-plastik, inhallet w iffurmat qisha toqba li kienet tidher. Qal li meta jkun hemm certa *load*, din tista tishon aktar. Zied jghid li s-*shunt* kienet imnizzla ghalkemm ma ftakarx jekk dik l-parti kienetx mahruqa wkoll.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin t’Ottubru 2003, **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol. 72] fejn qal li l-*meter* in kwistjoni huwa registrat fuq missieru Emanuel Vella li kien ilu mejjet xi sebgha w ghoxrin sena. Qal li l-kont tieghu baqa jithallas fuq missieru wkoll. Spjega li wara l-mewt ta’ missieru, l-hanut baqa jinfetah minn Josephine Mercieca li tigi oħtu (oħt l-imputat) sakemm qasmu xi hames jew sitt snin qabel, u wara ghadda f’idejh wara l-qsim. Qal li hu kien jircievi l-kont u kien ihallsu, ghalkemm ma ftakarx kemm kien ihallas ghaliex fix-xitwa jifthu ftit filghodu biss. Cahad li hu qatt baghbas jew mess l-*meter* in kwistjoni.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru 2004, **rega’ xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol. 100] fejn d-dawl u l-ilma tal-hanut ‘Sunshine Bar’ huma registrati fuq isem Emanuel Vella filwaqt li l-licenzja tal-hanut huwa f’isem Josephine Mercieca. Qal li ghalkemm missieru Emanuel Vella kien ilu mejjet xi hamsa w ghoxrin sena, l-kontijiet kien ghadhom johorgu f’isem Emanuel Vella. F’din d-deposizzjoni jghid li fil-hanut kien qed ikun hemm Josephine Mercieca u dan ghal xi sittax il-sena w imbaghad kien dahal Ganni Vella jahdem fih, li kien miet wkoll xi erbgha snin qabel w ghal dawk l-ahhar erbgha snin fil-hanut ikun hemm hu w oħtu Josephine Mercieca

jahdmu flimkien. Qal li kienet oħtu li kienet tiehu hsieb l-kontijiet biex thallashom. Mistoqsi x'kien inqala fil-*meter*, wiegeb li kien inharaq u li kienet saret inkjesta.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat xehed tlett darbiet, darba fl-istadju tal-inkjesta u cioe nhat t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2001, u darbtejn il-Qorti u cioe nhar d-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2003 u nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004.

Illi fit-tlett okkazzjonijiet li xehed, huwa dejjem zamm ferm li t-tezi tieghu u cioe li ma kienx jaf li kien hemm tbaghbis fil-*meter* tant li fil-fehma tieghu, il-kontijiet tal-konsum tal-elettriku kienu jigu gholjin hafna. Huwa dejjem pero sostna li l-fond, ghalkemm gestit minnu, ghandu l-licenzja mal-Awtoritajiet f'isem oħtu Josephine Mercieca u li l-kont tad-dawl kien registrat fuq missieru, li llum mejjet, ghal dawn l-ahhar hamsa w ghoxrin sena. Ikkonferma li l-*meter reader* kien imur jaqra l-*meter* tieghu u qatt ma qallu xejn. Jghid fil-mori tal-inkjesta, li hu ma jifhem xejn fid-dawl.

Jirrizulta wkoll li r-rapprezentanti tal-EneMalta kienu marru fuq il-post sabiex ibiddlu l-*meter* ghaliex kien inharaq u mhux ghaliex kellhom xi suspett f'xi rregolarita.

Illi mix-xhieda ta' Mario Pavia waqt l-inkjesta nhar s-sbatax t'Awwissu 2001 (fol. 42) jidher li fil-fehma tieghu, l-hruq tal-*meter* kien aktarx l-kagun ta' hafna domandi mill-konsumatur b'mod li s-servizz ma kienx ilahhaq mad-domanda w ghalhekk meta l-imputat qal li l-kontijiet tieghu kienu jiguh gholjin, kellu ragun.

Ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni EneMalta Raymond Camilleri, Mario Pavia u Nazzareno Azzopardi kollha jghidu li s-*shunt* tal-*meter* kien imcaqlaq u b'hekk kien hemm konsum t'elettriku li ma kienx qed jigi registrat.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u cioe fuq dak li ddeponew ix-xhieda

tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollha u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap 9 u dab billi qiset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda kienetx imsahha minn xhieda ohra u tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Kostatazzjonijiet Legali**

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.
Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** moghtija nhar ***t-tnejn ta' Settembru, 1998***, **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 1998,*** **Il-Pulizija v Paul Barbara** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fejn gie spjiegat il-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan r-reat kif dispost fl-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Proprjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat, li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

L-artikolu 264(1) tal-Kap 9 jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u il-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew jbiddel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, <u>sakemm ma jigiex ippruvat l-kuntrarju.</u>

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 johrog presunzjoni ta' **dolo**, *iuris tantum*, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hiex xi wahda assoluta u li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita. Din treggi biss sakemm ma jingiebux provi kuntrarja li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-

prova jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero, tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-difizi [ara wkoll ***Appell Kriminali 282/93*** **Il-Pulizija v Michael Attard** ***deciza nhar t-tnax ta' Frar, 1993 per Imhallef Carm Lino Agius***].

Illi f'dan il-kaz l-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu u ghalkemm kienet wahda semplici, l-Qorti thoss li hija veritiera w ghalhekk ghandha tigi emmnuta.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tiskartha jew ma taghtix kazha. L-imputat xehed a tempo vergine tal-investigazzjoni u cahad li kellu xi partecipazzjoni f'dak r-reat jew li kien jaf dwaru. Illi din ic-cahda assoluta reggha rrepetiha ghal darba, darbtejn, taht gurament meta xehed l-Qorti diversi snin wara.

Fit-tieni lok cirkostanzi ohra li jsahhu t-tesi tad-difiza hi l-fatti li t-tbaghbis ma giex skopert minhabba xi *surprise inspection* li gieli ssir mill-membri tal-Korporazzjoni Enemalta, izda waqt spezzjoni mitluba mill-istess imputat ghal bdil tas-sistema tal-elettriku peress li l-istess *meter* kien inharaq.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat irnexxihlu jgheleb din il-presunzjoni krejata taht din d-disposizzjoni tal-ligi u ghandha taghti affidament lejn il-provi mressqa minnu.

Illi ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 18, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 325 u 326 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lill-imputat ANTHONY VELLA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minn din l-imputazzjoni.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li ma sabet ebda htija fl-imputat.**

**Il-Qorti pero thoss li ghandha tikkundanna l-agir kemm tal-prosekuzzjoni kif wkoll tad-difiza dwar kif mewwex dan il-kaz u dan ghaliex ma kien hemm ebda raguni ghaliex kaz bhal dan idum sebgha snin il-Qorti.**

**Il-Qorti tirrileva li hija zammet tlieta w hamsin seduta u fil-maggor parti taghhom, ma gie registrat ebda progress.**

**Illi dan qed jinghad bl-isperanza li agir bhal dan, ma jirrepetix ruhu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------